# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Sean Borg**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Sean Borg,** numru tal-Karta tal-identita' 458889M fejn ġie akkużat li fit-13 ta' Mejju 2013 u fil-jiem ta' wara, ġewwa dawn il-Gżejjer,

1. u sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz lill-Awtorita dwar it-Trasport (art 188 tal-Kodiċi Kriminali);
2. talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat (art 189 tal-Kodiċi Kriminali);

3. talli f'Lulju 2013 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita jew bi ksur ta' xi kondizzjoni tagħha setgħet ingħatat dik l-awtorizzazzjoni, kellu fil-pussess tiegħu, uża jew ippermetta li tintuża jew hiegħ jew xort'oħra trasferixxa jew ħareġ jew ippermetta li tinħareġ minn xi desposit tad-Dwana vettura bil-mutur li ma ġietx reġistrata bis-saħħa tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta u ċjoe' vettura barranija E 438 WCL u preżentement bin-numri tar-reġistrazzjoni CAG 151 (artikolu 21(1)(a) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta);
4. talli f'Lulju 2013 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer bil-ħsieb li jevadi taxxa dovuta jew li tista ssir dovuta naqas milli jagħti avviż ta' dik l-importazzjoni, dħul jew manifattura lill-Awtorita jew fi stqarrija li għamel lill-Awtorita għall-għanijiet tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta ta tagħrif li kien faf li ma kienx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali (artikolu 21(1)(b) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta);
5. talli f'Lulju 2013 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer għamel jew naqas milli jagħmel jew ippermetta li ssir jew tonqos milli ssir xi ħaġa jew xi att bil-ħsieb li jevadi jew jipposponi l-ħlas ta' taxxa ta reġistrazzjoni kontra l-liġi (artikolu 21(1)(b) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta);
6. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija tordna l-konfiska tal-vettura de quo.

Rat li matul is-seduta tal-24 ta' Marzu 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 5 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat dott. Arthur Azzopardi tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

L-imputat ġie mixli talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz lill-Awtorita dwar it-Trasport (art 188 tal-Kodiċi Kriminali);

Fir-rigward tal-vettura de quo, din il-Qorti ikkunsidrat li kwantu għall-dak li jirrigwarda d-diskrepanza bejn il-magna installata fil-vettura de quo u d-dikjarazzjoni magħmula lil Transport Malta, fit-tieni stqarrija tiegħu l-imputat jgħid li kienu hu li kien talab lil tal-VRT sabiex jagħmel "change of engine" mingħajr ma qatt inbidlet il-magna. Huwa jgħid li għamel dan biex jiffranka xi flus fuq l-insurance. Itenni li huwa ma ħallasx flejjes oħra għajr ħlief il-kont tal-VRT. Huwa jikkonferma li meta tellgħa l-vann għat-test tal-VRT dan kien armat bil-V8 Rover 35 u din il-magna qatt ma ġiet maqlugħa minn fuq il-vettura de quo.

L-istruzzjonijiet biex dan isir fid-dokument datat 13 ta' Mejju 2013 iffirmat minn John Ebejer jidhru li ġew mogħtija mill-istess imputat innifsu. Kien Ebejer li fid-discrepancy form iffirma għal dawn id-dettalji. L-imputat jgħid fl-istqarrija tiegħu li huwa kien klijent regolari ta' Ebejer. Dan tal-aħħar ma jirriżultax li tħallas xi flus. Pero setgħa bbenefika minn lejalta akbar tal-klijent tiegħu l-imputat. Jiġi għalhekk li l-imputat kien il-"mandant" ta' dan ir-reat – billi ta struzzjonijiet lill-Ebejer sabiex fid-dikjarazzjoni kontenuta fid-dokument maħsub għal awtorita pubblika ta tagħrif falz lill-istess Awtorita. Materjalment id-

dokument kien iffirmat minn John Ebejer. Iżda l-istruzzjoni biex dan id-dokument jiġi kompilat b'dak il-mod jidher li saret mill-imputat. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa każ fejn l-Artikolu 42(a) tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli. Għalkemm il-Prosekuzzjoni ma speċifikatx lill-imputat bħala il-kompliċi f'dan ir-reat, dil-Qorti tista' ssibu ħati ta' kompliċi ma John Ebejer fil-kommissjoni tal-istess reat in kwantu l-Artikolu 467(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa reż applikabbli għal din il-Qorti bis-saħħa tal-Artikolu 525(3) tal-Kodiċi Kriminali. Għalkemm l-Avukat Difensur tenna li ma ġietx pruvata d-data ta' meta allegatament seħħ dan ir-reat, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi li meta l-imputat kien qiegħed jirreferi għal meta mar jagħmel il-VRT huwa kien qiegħed jirreferi għall-istess ġurnata ta' meta huwa għamel id-dikjarazzjoni ta' diskrepanza lil Transport Malta. Fi kwalunkwe każ, jirriżulta li żgur li l-istruzzjonijiet li kien ta l-imputat ġew imqegħda fis-seħħ fit-13 ta' Mejju 2013.

**It-tieni imputazzjoni -**

L-imputat ġie mixli wkoll talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat (art 189 tal-Kodiċi Kriminali);

Mill-provi jirriżulta li kien hemm bdil tal-***makers plate*** u l-***engine number*** fir-rigward tal-vettura de quo. Skont SM 1460 George Farrugia

(fol 28) mad-dawra tax-chassis number kien hemm kisja ta' coating ta' undercoat, il-makers plate kienet tidher li kienet ġiet maqlugħa u reġgħet ġiet imwaħla. Inoltre l-engine number kien jidher li kellha l-aħħar erba' numri li kienu jidhru li ġew iggrajndjati u n-numri ta' taħt ma kienux għadhom aktar rikonoxxibbli. Mad-dawra tax-chassis irriżulta li kien hemm qtugħ mad-dawra kollha u li l-pjanċa kienet tidher tleqq jiġifieri kellha grinding irfinut.

Fl-ewwel istqarrija tiegħu (fol 14) l-imputat jgħid li ma kien jaf xejn dwar dak li ġara rigward tbagħbis. Biss a fol 15, l-imputat jiġi mistoqsi dwar il-bdil fin-numru tax-chassis u l-imputat jagħti tweġiba sibillina. Jingħad hekk : -

> D Jekk zijuk stess ikkonferma mal- Pulizija li il- vann baqa kif kien u kull ma sar kien li tbiddel ic- chassis number kif issa inti qed tghid illi il-magna tbiddlet u regghet twahhlet
>
> T Dak jien ghamiltu mhux hu

Hawnhekk ir-risposta tal-imputat hija waħda ekwivoka. Il-mistoqsija tal-ispettur kienet tuża żewġ nomi – chassis number u magna – l-ewwel wieħed maskil u t-tieni wieħed femminil. Ir-risposta tal-imputat kienet bl-użu ta' verb fil-maskil u mhux fil-femminil – b'hekk jagħtik indikazzjoni li huwa kien qiegħed jirreferi għall-bdil fin-numru tac-chassis li kien għamel hu aktar milli l-bdil fil-magna. Biss dan il-punt dwar il-possibilita tar-responsabbilita tal-imputat għall-bdil fin-numru tac-chassis ma jidhirx li kien ġie esplorat f'aktar dettall. Il-Qorti tqis li ma jkunx *safe and satisfactory* li tistrieh fuq evidenza ekwivoka dwar dan

ir-responsabbilita tal-imputat dwar dan il-punt. Inoltre l-ispettur Mercieca fix-xiehda tiegħu a fol 10 jgħid li kien Michael Scicluna li ammetta miegħu li kien qata' l-imsemmi numru.

Mill-banda l-oħra pero din l-istqarrija turi li l-imputat kien jaf li kien hemm problema bin-numru tac-chassis li kien mibdul. Għalkemm il-Qorti ma għandhiex prova suffiċjenti li turi li kien l-imputat li kkommetta l-falz materjali f'dan il-każ, biss ma tistax ma tqisx li huwa kien konsapevoli tal-istess falz u li huwa għamel użu minn dan id-dokument hekk falsifikat.

**Il-kumplament tal-imputazzjonijiet**

Il-Qorti rat il-verbal tal-partijiet magħmul a fol 121 tal-proċess fis-sens li filwaqt li qablu li n-numru tax-chassis tal-vettura meritu ta' dan il-każ kien ġie mibdul, qablu wkoll li ma kienx l-imputat li biddel dan in-numru.

Mingħajr preġudizzju għad-dubju mistqarr aktar il-fuq minn din il-Qorti dwar dan il-punt, hija xorta waħda moralment konvinta li f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ma preżentatx provi suffiċjenti li jistgħu iwasluha tikkonkludi li l-għarfien tal-imputat dwar dak li seħħ fir-rigward tan-numru tax-chassis kien sar b'mod li jirrendih responsabbli bħala awtur jew kompliċi fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet.

## *DECIDE*

Li fid-dawl ta' dak kollu mistqarr, wara li rat l-Artikoli 42(a), 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti qegħda ssib lil **Sean Borg mhux ħati** tat-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom. Mill-banda l-oħra ssibu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kwantu għall-ewwel imputazzjoni tikkundannah għal **multa ta' elf euro** u kwantu għat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta **tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin millum** u dan wara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputat li jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien tal-liberazzjoni kondizzjonata f'każ ta' sejbien ta' ħtija huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**Mogħtija illum il-25 ta' Ottubru 2017 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***